# Kelmtejn

Mhux faċli titkellem fuqek innifsek
u tibqa' oġġettiv. Imma se nipprova.
U lanqas mhu faċli tgħid kollox
bla ma tħalli xejn moħbi.
U għalhekk miniex se nipprova.

*Trevor Żahra*

# Daħla

minn

Maria Concetta u Maria Antonia

*(aktar magħrufin bħala Kunċett u Marinton)*

Mela l-awtur tagħna saflaħħar iddeċieda li jikteb l-istorja ta' ħajtu. Ma nistax nifhem x'kien li wasslu jieħu deċiżjoni bħal din. Tgħid daqt se jmut? Mill-injoranza tagħna aħna tgħallimna li l-awtu… awtubog… insomma kelma tqila din … l-istejjer ta' ħajjithom il-kittieba jiktbuhom meta jkunu b'sieq waħda fil-ħofra u jkunu ddeċidew li mhux se jiktbu aktar. Dawk li jidhrilhom li huma xi ras kbira hekk jagħmlu: wara li ma nafx kemm ikunu ġiegħlu nies jidgħu, jiddeċiedu li jagħmlu paċi ma' kulħadd. Arahom jintelqu bilqiegħda fuq xi pultruna tal-qasab, ipejjpu jew jixorbu terz u pinta u joqogħdu jieħdu gost jiftakru.

*Nota – 1: Din li għadkom kemm qrajtu kitbitha kollha oħti Kunċett u lili ma ħallietni ngħid xejn. Mela din li ġejja issa hija kollha miktuba minni: Marinton. Aħna lill-awtur nafuh sewwa għax iltqajna miegħu meta mhux żgur kellu 15-il sena. U jkolli ngħid li minn ġewwa ftit li xejn inbidel. Baqa' iblah bħalma kien. Imma jien naħseb li ddeċieda li jikteb l-istorja ta' ħajtu għax deherlu li aħjar jiktibha issa, li moħħu*

*għadu mhux ħażin, milli joqgħod jistenna sa ma jiżmaga għal kollox u jibda jħawwad.*

Għandu mnejn qagħad jistenna sa ma jagħlaq is-sittin. Ħaqq is-sagrabokk, kemm kien jidħak bina meta kien għadu żgħir! Saflaħħar kiber huwa wkoll u m'għandux aktar biex jitkaża. It-tajba hi li aħna bqajna kif konna waqt li hu tfartas, iżżaqqaq u tkemmex, għandu n-nuċċali tal-qari, jieħu l-pirmli tal-pressjoni u ta' l-istonku, għandu l-kol... kols... (kemm għandkom kliem tqil intom ta' llum) ... għandu x-xaħam fid-demm u għandu lista minn hawn sal-Mellieħa ta' x'jista' jiekol u ma jikolx. Malajr neħħieh il-ħara kollu li kellu. Ara aħna, għall-grazzja tal-ħanin Alla nieklu kollox: aringi pprofumati, bakkaljaw, saqajn tal-majjal, tadam immellaħ, mazzit u zalzett ... kollox daqqa u ġewwa u t-tabib qrun bejn għajnejh.

*Nota – 2: Se jkolli nerġa' nidħol jien. Ma naħsibx li hu sew toqgħod issemmilu l-pirmli u l-affarijiet l-oħra kollha. Kunċett messha semmiet il-kallijiet li għandha u l-katarretti li qed jitrabbewlha. Imma dik dejjem ta' ħaddieħor tara. U lanqas ma kien jidħak bina għax konna xjuħ. Kien jidħak bil-praspar li konna nagħmlu, imma mhux bix-xjuħija tagħna. Anzi jien naħseb li l-awtur tassew għandu grazzja magħna x-xjuħ. Forsi għax fina lkoll jara lil nanntu Mananni li tant kien iħobb.*

Insomma, aħna ddeċidejna li niktbulu din id-daħla biex inwissukom ftit. Qisu li ma temmnux kulma se jgħidilkom. Tafu biżżejjed kemm qlajjiet qala' fuqna u kif avveliena

ma' kulħadd. Dak qatta' għomru kollu jħarref u jaqla' minn żniedu. Ma jaf jagħmel xejn ħlief jigdeb. Ibqgħu ċerti li l-istorja ta' ħajtu se jħawwarha u jżewwaqha bl-aktar mod sfaċċat. U anki jekk jaħilfilkom fuq it-tronku tar-Rabat li qed jgħid is-sewwa magħruf, żgur li bla ma jaf ikun qed ipaspar. Il-pinna, minflok jikkontrollaha hu, tikkontrollah hi. Dejjem hekk ġara.

> *Nota – 3: Imma jiena naħseb li dik hija n-natura ta' kull kittieb. Darba kont smajtu jgħid li jekk tixtieq tittawwal tassew fir-ruħ ta' l-awtur, aqra x-xogħlijiet tiegħu u mhux dak li jikteb direttament dwar ħajtu. Insomma … naħseb xi ħaġa hekk kien qal. U lanqas ma naħseb li din qalha hu l-ewwel darba. Filfatt għalhekk skantajt meta sirt naf li se jidħol għal dil-biċċa xogħol. Mill-banda l-oħra għandi kurżità kbira nara x'se jgħid … avolja jien u oħti ilna midħla tiegħu das-snin kollha.*

U fl-aħħarnett irridu nwissukom ukoll biex ma tmorrux b'raskom li se jgħidilkom KOLLOX dwar ħajtu. Dak ġurdien xiħ. Tarah kwiet kwiet, imma marijamadunni ma tridx tafdah ħarira. Żgur li se jħalli ħafna affarijiet barra. Se jgħid biss dak li jaqbillu u mhux se joqgħod isemmi kemm-il darba waqa' għal għajnu. Naħlef li din se tkun biss *titwila ċkejkna* lejn l-istorja ta' ħajtu. Il-ġrajja kompluta għad irid jgħidha ħaddieħor.

# 1 – Il-bidu

L-ewwel ta' Ġunju 1937 – l-għarajjes ħerġin mill-kappella tal-Madonna tal-Bon Kunsill, fiż-Żejtun. Jieqfu kemxejn fil-bieb biex jiġbdulhom ritratt. Imma r-ritratti formali diġà ħaduhom. Mela x'inhu! Ħaduhom *qabel* ma żżewġu għax l-għarus deherlu li mhux sewwa jħallu l-mistednin xi siegħa jistennew sa ma jmorru għand il-fotografu. U allura dawk li jidhru fir-ritratti uffiċjali għadhom mhumiex miżżewġin. Għadhom litteralment *għarajjes*.

U issa ġirja għad-dar ta' l-għarus fi Triq il-Kostituzzjoni fejn se jsir ir-riċeviment, għax id-dar ta' l-għarus ikbar u isbaħ minn ta' l-għarusa; għandha intrata u kontrantrata wiesgħa bil-kmamar laterali, kollox pinġut girlandi, rużuni, għasafar u frott – dekorazzjonijiet li inċidentalment tpinġew bit-tempra minn missier l-għarusa meta bintu kienet għadha tifla, u żgur qatt m'għaddielu minn rasu li dak it-tiżjin kien għaliha, u li dawk is-swali li rawh bil-flanella u l-fardal tax-xogħol, għad jarawh biċ-ċoff u s-surtun.

*"Suona suona mia chitarra*
*accompagnami in sordina*
*la mia bella fornarina*
*al balcone non c'è più ..."*

Issa beda d-daqq tal-*Chitarra Romana* u hemm min ħareġ jiżfen waqt li l-wejters għaddejjin bil-pastini

tal-lewż morr u l-vermut, bil-biskuttini u l-pastarjali, bil-ġelati kollha forom ta' bajtar tax-xewk, farkizzan u banana. U kulħadd jgħid li l-għarusa qisha pupa u l-għarus irqiq għuda qisu tifel ta' l-iskola.

U jien u ħuti nittawlu mill-bogħod, inħarsu 'l isfel u nistennew.

## 2 – Qabli

Bdejt bit-tieġ t'ommi u missieri. Imma stajt bdejt bit-tieġ tan-nanniet, dak ta' Mananni u Frenċ, in-nanniet min-naħa t'ommi, jew ta' Vittorja u Ċensu, il-ġenituri ta' missieri. U jekk niġu għal dan stajt bdejt bit-tieġ tal-bużnanniet jew b'dak tal-bużbużnanniet, imma ma naħsibx li hemm għalfejn immorru daqshekk lura. Lanqas li se nitkellmu dwar il-Messija.

Mhux faċli żżomm kronoloġija stretta f'rakkont bħal dan meta ħafna ġrajjiet jidħlu f'xulxin u waħda tirkeb fuq l-oħra. Għalhekk se mmur kemxejn lura u nirrakkonta l-aneddotu li missieri kien iħobb isemmi dwar meta hu u ommi marru għand l-arċipriet biex jagħmlilhom l-eżami taż-żwieġ. Malli daħlu fl-uffiċċju tiegħu, l-arċipriet dar fuq missieru u staqsieh:

"Inti tħobbha?"

"Dażgur li nħobbha!" kien pront wieġbu missieri.

| | |
|---|---|
| Arċipriet: | Tajjeb, tajjeb! Il-Kredu tafu? |
| Missieri: | Iva. |
| Arċipriet: | Għidhuli. |
| Missieri: | Ma naħsibx li hemm għalfejn ngħidhulek. |
| Arċipriet: | Kif mhemmx għalfejn tgħidhuli?! |
| Missieri: | Inti m'emmintnix li nħobbha mingħajr provi? Issa emminni li naf il-Kredu bla provi. |

Ma nafx jekk din missieri kienx qraha xi mkien jew jekk ġratlux tassew. Imma kien dejjem isemmiha. Hu x'inhu, naħseb li fl-aħħar mill-aħħar il-Kredu kellu jgħidu għax kieku ma naħsibx li jien ninsab hawn.

## Il-bużnannu Toni

Iżda għalkemm għidt li mhemmx għalfejn immur lura żżejjed, ma nixtieqx nibda nitkellem dwar ħajti, qabel ma nsemmi l-istorja tal-bużnannu Toni Zahra, missier in-nannu Ċensu – ġrajja għal qalb il-familja kollha u li d-dettalji kollha tagħha sirt nafhom proprju ftit jiem ilu. Jien u ħija René morna niżbarazzaw l-istudju ta' missieri, u qalb il-ħafna kaxxi, fajls, gazzetti, programmi tal-festi, korrispondenza, u dokumenti li kellu, sibna manuskritt ta' 67 paġna miktub min-nannu Ċensu nnifsu, li jirrakkonta l-istorja ta' meta missieru telaq lejn Ġibiltà. Skantajna kif, għalkemm missieri ġieli rrakkontalna l-ġrajja ta' nannuh f'Ġibiltà, qatt ma semmielna dan il-manuskritt. Ir-rakkont, miktub bl-Ingliż, donnu jieħu s-sura ta' rumanz, imqassam kapitlu kapitlu, bi stil li ħafna drabi jaqa' fil-melodrama. Jidher ċar li din il-ġrajja n-nannu żejjinha u ħawwarha mill-aħjar li seta'. Għalhekk jiena se ngħid biss, fil-qosor kemm nista', dak li huwa essenzjali u li mhemmx dubju dwaru.

Mela fl-1885, meta kellu 22 sena, il-bużnannu Toni fettillu jemigra lejn Ġibiltà. Ħalla warajh lil ommu Maria, u ħames ħutu subien u tifla. Lil missieru qatt ma jsemmih; għalhekk, għandi nifhem li kien diġà miet. Salpa fuq il-vapur *S.S. Calypso* u wara ftit li wasal Ġibiltà qabad jaħdem

ma' wieħed sinjur, is-Sur Salome, li kien aġent tal-vapuri. Għall-ewwel kien jeħodlu ħsieb iż-żwiemel, iżda peress li lil Toni rah żagħżugħ intelliġenti, bieżel u onest, is-sinjur ma damx ma laħħqu *maggiordomo*. Fost is-sefturi tas-Sur Salome kien hemm ċerta Anna Miniana, tfajla Spanjola minn Algeciras, u Toni ma damx ma xeħet għajnejh fuqha u fi żmien qasir iżżewwiġha. L-ewwel tarbija tagħhom twieldet fid-9 ta' Jannar 1887, u dan kien Vincenzo ... in-nannu tiegħi. Warajh kellhom lil Maria u lil Anthony. Iżda dan miet wara ftit jiem u ħtija ta' xi traskuraġni min-naħa tat-tobba, l-omm mietet ftit wara. U hekk il-bużnannu Toni romol qasir l-għomor. Imma ma damx ma reġa' żżewweġ tfajla Spanjola oħra: Vittorja. Kif dejjem jiġri fil-ħrejjef, din it-tieni mara tiegħu xejn ma kienet iġġibhom lit-tfal mill-ewwel mara, aktar u aktar meta bdew ġejjin it-tfal tagħha. Kienet issakkarhom fit-*toilet* għal ġranet sħaħ u lil Vincenzo kienet issawtu bla ħniena. Darba sa anki qasmitlu rasu u kellhom isejħu lit-tabib biex jagħmillu l-punti.

> "Qed ngħid l-irġiel tal-familja Zahra għandu jkun kollha jormlu kmieni. Toni romol meta kien għadu żagħżugħ. Ibnu Ċensu romol meta kellu 47 sena. Ibnu Walter romol meta kellu 56 u Trevor romol ta' 42 sena. Nisa, attenti minnhom! M'għandkomx xi triduhom."
>
> Marinton

Ġużeppi, ħu Toni, kien jivvjaġġa ta' spiss minħabba x-xogħol li kellu u darba waħda waqaf Ġibiltà. Qatt kien għadu ma ra lin-neputijiet tiegħu u minnufih talab lil ħuh iħallih jieħu miegħu Malta lil Vincenzo biex tarah ommu. Toni ma qalx le, basta Ġużeppi jwiegħdu li jġibu lura fi żmien sitt xhur. U mill-moħqrija u s-swat ta' Vittorja, Vincenzo malajr sab ruħu Malta, imdawwar bil-fsied ta' nanntu u zijietu. Għalkemm għall-ewwel huwa kien jaf